TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 105

KAZ NRU. 139

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjorina Josephine Gatt
u
Messrs Castellana (Malta) Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 13 t'Ottubru 1981

Chairman : A. Debono, C.P.A.A.

B'ittra tal-15 ta' Gunju 1981, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol Kultura u Ghajnuna Socjali irreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sinjorina Josephine Gatt mid-Ditta ta' Messrs Castellana (Malta) Ltd., tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant deher ghaliha is-Sur Arthur Micallef tat-Taqsima Tessuti Hwejjeg u Gild tal-General Workers' Union, waqt li l-kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur Anthony Stivala, Managing Director ta' l-istess kumpanija.

3. Statement of Case

Ghall-appellant is-Sinjorina Josephine Gatt gie sottomess li ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti biex is-Sinjorina Gatt titkecca mill-impieg, waqt li kienet fi zmien

/2. .....

ta' tahrig gdid bi thejjija tal-Management ghal bidla ta' magni attrezzati ghall-prodott gdid.

Is-Sinjorina Gatt giet impjegata mall-Castellana (Malta) Ltd. fl-14 ta' Mejju 1975. F'dak iz-zmien il-fabbrika kienet tipproduci ilbies ta' hwejjeg ta' taht. Il-Management jikkonferma li dak iz-zmien hi kienet fuq xoghol ta' "Controllo" u l-livell ta' produzzjoni kien sodisfacenti.

Fil-1979 il-Castellana Ltd. ghaddiet ghal sidien godda u l-impjant u l-makkinarju gew mibdula biex jibdew jimmanifatturaw jeans minflok hwejjeg ta' taht. Minhabba f'din il-bidla, il-Management beda tahrig tal-haddiema fuq magni godda sabiex jigu mghallma fuq il-produzzjoni tal-jeans, li huma totalment differenti u itqal mix- xoghol li kien isir qabel. Hafna mill-haddiema tghallmu fi zmien relattivament qasir, filwaqt li ohrajn kien jinhtigielhom aktar zmien sabiex ilahhqu l-livell ta' produzzjoni mehtiega. Matul dan iz-zmien, ghal ragunijiet umanitarji, il-Management hass li s-Sinjorina Gatt ghandha tithalla fuq xoghol li kien kwazi l-istess li kellha qabel ma saret il-bidla. Il-Management jallega li s-Sinjorina Gatt ma riedetx toqghod fuq dan ix-xoghol ghal ragunijiet ta' sahha u talbet hi stess biex tigi trasferita ghal xoghol iehor.

Il-Management jikkontendi li kien taha zmien bizzejjed lis-Sinjorina Gatt fuq dan l-ahhar xoghol u baqghet ma ssodisfatux fl-efficjenza taghha. Ghal din ir-raguni l-Management ittermina l-impieg tas-Sinjorina Gatt fil-15 ta' Mejju 1981, wara sitt (6) snin fl-impieg, f'liema mpieg, sa qabel il-bidla, is-Sinjorina Gatt ma gietx dixxiplinata ghal xi nuqqas ta' dmirijietha lejn il-Management.

/3. .....

Ir-raguni li nghatat mill-Management lill-Ufficcju tax-Xoghol fuq il-Formula preskritta dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg, ma kienetx wahda ta' dixxiplina izda ta' sensja (redundant) ghax ma setghetx taddatta ruhha ghal xoghol gdid. L-appellant tikkontendi li ma kelliex tigi sensjata. Jekk stess il-Management iddecieda li din ma setghetx taddatta ruhha ghal xoghol gdid, kellu jinstabilha xoghol iehor li hi tkun tista' taghmlu, ghaliex ma kienx tort tas-Sinjorina Gatt li l-post li kellha qabel gie abolit, minhabba rijorganizzazzjoni tal-haddiema u bidla fl-impjant. Ghaldaqstant l-appellant tikkontendi li ghandha terga' tiddahhal lura ghax-xoghol u ma ssofrix ebda telfien ta' paga ghaz-zmien li nzammet barra mill-impieg taghha.

4. Ghall-Kumpanija :

Messrs Castellana (Malta) Ltd.: Is-Sur Anthony Stivala - issottometta li s-Sinjorina Gatt kienet giet impjegata mall-Kumpanija fl-14 ta' Mejju 1975, giet imharrga fuq magni tal-hjata izda ma rnexxietx fuq dan ix-xoghol; ghaldaqstant giet trasferita ghax-xoghol ta' "Controllo" li jikkonsisti fl-ittrimmjar ta' lbies u ccekkjar tal-kwalita'. Dan ix-xoghol hu manwali. L-appellant rnexxilha tahdem b'livell ta' efficjenza accettabbli sakemm meta l-kumpanija kellha tbiddel li struttura taghha u l-prodotti li kienet tipproduci. Minhabba din il-bidla, l-impjegati kollha kellhom jergghu jigu mharrga ghal prodott il-gdid u ghal fuq il-magni godda li gew installati ghal habta ta' l-ahhar tas-sena 1979 minflok il-magni l-qodma.

Ghal ragunijiet umanitarji, il-Management zamm lis-Sinjorina Gatt fil-post ta' "Controllo" illi baqa' jezisti wkoll ghal prodott il-gdid, izda dan kien xoghol ta' bil-wieqfa.

Peress li dan ix-xoghol kien bil-wieqfa, l-appellant ghal ragunijiet ta' sahha talbet ghal post fejn kienett tista' tahdem bil-qeghda. Il-Management spjega lis-Sinjorina Gatt illi kien difficli li jassenjawla xoghol fuq magna mhabba l-istatura fizika taghha. L-appellant sostniet illi kieku ma kellhiex tigi moghtija l-opportunita' biex tipprova hilitha fuq xoghol iehor hi kien ikollha tirrizenja.

Ghal ragunijiet umanitarji l-Management ghal darba ohra hass li jipprova lis-Sinjorina Gatt fuq ir-"Rivets Machine". Kien minn daz-zmien il-quddiem illi l-imgieba ta' l-appellant bdiet issir insapportabbli tant illi wara twissijiet verbali l-Management nhar il-11 t'April 1980, kellu johorgilha twissijiet bil-miktub. Fis-27 ta' Marzu, 1981 waqt laqgha bejn il-Management u s-Segretarju tat-Taqsima tat-Tessuti, Hwejjeg u Gild tal-General Workers' Union, il-kumpanija giet mitluba biex ma titterminax l-impieg tas-Sinjorina Gatt li kienet ma' lahqietx il-livell ta' efficjenza sodisfacenti tax-xoghol gdid (Chiusura cintura) li kien inghatalha fis-27 ta' Jannar 1981 (kienet lahqet 63%); ghaldaqstant kellha tinghata gimghatejn zmien iehor biex tilhaq il-livell ta' efficjenza ta' 85% u jekk dan il-livell ta' efficjenza ma jintlahaqx, l-impieg tal-appellant jigi terminat.

Tlett gimghat wara din il-laqgha, u minkejja twissijiet ohra li hargulha, l-appellant lahqet biss il-livell ta' 70%; ghaldaqstant nhar is-16 t'April, is-Sinjorina Gatt giet moghtija ittra fejn giet mgharrfa bit-terminazzjoni tax-xoghol taghha minn mal-kumpanija.

Dokumenti Sottomessi :

Mill-appellant :

i) Kopja ta' Certifikat ta' Tmiem ta' l-Impieg bid-data 18.5.81 (Dok.1A)

ii) Kopja ta' ittra mis-Segretarju tat-Textile and Garment Section, G.W.U. lil Managing Director Castellana Limited bid-data 5.5.1981 (Dok. 1B)

Mill-Kumpanija :

i) Letter of Warning lill-Appellant mill-Management bid-data ta' 11 t'April 1980 (Dok. 2A)

ii) Letter of Warning (Second) mill-Management lill-appellant bid-data tad-19 ta' Jannar 1981 (Dok. 2B)

iii) Ittra mill-Management rigward it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant bid-data tas-16 t'April 1981 (Dok. 2C)

iv) Ittra mill-Management lis-Segretarju tat-Textile and Garments Section, G.W.U. bid-data tas-7 ta' Mejju 1981 (Dok. 2D)

v) Records tal-livell ta' produzzjoni (Doks 3 u 4)

5. Fuq talba tat-Tribunal :

i) Kopja tal-Collective Agreement bejn Castellana (Malta) Ltd. u Textiles, Garments and Leather Workers' Section of the G.W.U. (Dok. 7)

6. Ghall-appellant dehru dawn ix-xhieda:

1. Is-Sur Mario Cauchi - Mechanic
2. Is-Sinjorina Rosemarie Camilleri - Ex-Impjegata tad-Ditta Castellana
3. Is-Sur Arthur Micallef - Segretarju tat-Taqsima Tessuti Hwejjeg u Gild tal-G.W.U.

/6. .....

4. Is-Sinjorina Josephine Gatt - L-appellant.

7. Ghall-Kumpanija deher dan ix-xhud :

1. Is-Sur Anthony Stivala Managing Director
Castellana (Malta) Ltd.

8. Xhieda fil-Qosor :

i) Is-Sur Mario Cauchi -

Ikkonferma illi t-tip ta' magni li l-appellant kienet tahdem fuqhom dak iz-zmien kienu difettuzi; izda sa fejn jaf il-hin li jittiehed biex jirretifikaw il-magna, meta din kienet tizviluppa xi difett, kien jittiehed in konsiderazzjoni meta kien jigi assessjat il-persentagg ta' l-efficjenza ta' dik il-persuna.

ii) Is-Sinjorina Rosemarie Camilleri -

Kienet tahdem fuq il-magna tar-rivets u meta l-magna kienet tahdem minghajr difetti kienet ittella' l-produzzjoni accettabbli mill-Management.

iii) Is-Sur A. Micallef -

Qal illi ma jistax jiddetermina z-zmien li bniedem ikun irid biex jaddatta ruhu biex jilhaq l-efficjenza mehtiega mill-Management, ghaliex dan jiddependi mill-karattru ta' l-individwu u ma tistax tiggeneralizza minhabba l-fatturi differenti kemm tal-persuna u kemm ta' l-ambjent tax-xoghol.

Is-Sur Micallef osserva mid-dokumenti esebiti illi s-Sinjorina Gatt dehret li kienet riesqa lejn il-livell ta' produzzjoni, tant li fil-granet ta' qabel ma giet illicenzjata kienet lahqet it-73%.

/7. .....

iv) Is-Sur A. Stivala -

Qal illi s-Sinjorina Gatt bazikament ma gietx illicenzjata ghal ragunijiet dixxiplinarji b'konsegwenza ta' inefficjenza jew inabbilta' taghha fuq ix-xoghol.

Kien hemm zmien, kompla jghid is-Sur Stivala, meta kellu jsejjah it-tfajliet kollha ta' dik l-"Operation" li kienet tahdem maghhom is-Sinjorina Gatt ghaliex kienu qeghdin izommu l-livell ta' efficjenza baxx hafna, u wissihom illi min minnhom ma jaghtix efficjenza ta' 85% tittiehed azzjoni dixxiplinarja kontra tieghu. Minn dak in-nhar il-livell ta' efficjenza ta' kollha telgha minn barra tas-Sinjorina Gatt. Ir-rizultat li kisbu t-tfajliet huma kollha murija fid-Dokument illi s-Sur Stivala esebixxa (Doks. 3 u 4).

Il-Kumpanija ghandha "Standard Rules" li jistabilixxu it-"Time Allowance". Dawn fihom hemm ikkalkolat "percentage" ta' hin illi jkopri ghal hsarat normali u teknici, kif ukoll ghall-bdil tal-hajt tal-magni u bzonnijiet ohra fizici. Dawn li "Standard Rules" jigu applikati ghal kulhadd minghajr diskriminazzjoni u li permezz ta' din is-sistema wiehed jista' jkejjel il-produzzjoni u jistabilixxi wkoll il-produzzjoni normali.

Is-Sur Stivala emfasizza illi fi zmienijiet tal-lum ma' jistax ikollok impjegata bil-"full-pay" li taghtik 60% jew 70% ta' efficjenza (produzzjoni).

Fis-26 ta' Jannar, 1981, fuq it-talba tas-Segretarju tal-Union, is-Sinjorina Gatt giet trasferita ghall-Operazzjoni tal-magni tal-hjata,

/8. .....

li hija l-ehfef "Operation" li ghandhom fil-Kumpanija u fejn it-tfajliet l-aktar li jaddattaw irwiehom malajr u jtellghu l-efficjenza fi zmien qasir. Dak iz-zmien irnexxilhom isibulha xoghol bil-qeghda, ghaliex hi ma accettatx li taghmel "kontroll" ghaliex ma' tistax toqghod bil-wieqfa il-gurnata kollha. Ghal din ir-raguni is-Sur Stivala emfasizza illi din ma hi kwistjoni ta' xejn hlief kwistjoni li taddatta ruhek max-xoghol u r-raguni tat-terminazzjoni tax-xoghol tas-Sinjorina Gatt kienet li l-Management ma sabilhiex post alternattiv fejn setghet taddatta ruhha.

Il-Collective Agreement jikkonsidra l-minimum efficiency li hija ta' 85% biex il-fabbrika tkun viabbli. Iz-zmien li wiehed ikun irid biex jilhaq il-85% efficiency hu ta' bejn 4 u 6 gimghat.

Jekk wiehed jezamina r-records esebiti u jaghmel paragun ta' l-efficjenza ma ta' tfajliet ohra isib illi certi tfajliet ftit wara li gew impjegati lahqu produzzjoni ta' livell sodisfacenti.

Fis-sitwazzjoni prezenti, l-industrija ghandha bzonn illi l-haddiema jkunu disponibbli ghal aktar minn operazzjoni ta' xoghol wiehed; ghalkemm il-Kumpanija tipprova zzomm l-istess prodott/operazzjoni ghal zmien twil kemm jista' jkun; pero' ma tistax tiggarantixxi li wiehed jista' jibqa' sejjer ghal erba' (4) snin bl-istess operazzjoni.

v) <u>Is-Sinjorina J. Gatt</u> -

Qalet li fil-bidu hi kienet l-izjed wahda li kienet taghti produzzjoni meta l-magna kienet tahdem

/9. .....

tajjeb u mhux gust li tghid illi hi dejjem tat produzzjoni anqas minn haddiehor u ghalhekk ghandha d-dubbji taghha jekk id-Dokumenti esibiti kienux mizmuma genwini jew le.

L-appellant kompliet tghid illi hi kienet hadmet fuq xoghol iehor li s-Sur Stivala ma semmiex u anke illi mhux veru illi hallewha sa l-ahhar fuq Operation Nru. 23 (chiusura cintura) ghaliex fil-fatt lilha kienu baghtuha "toftoq u taqleb" filwaqt li wahda mit-tfajliet l-ohra baqghet fuq l-istess xoghol.

9. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u> :

Ghas-Sinjorina J. Gatt gie sottomess illi minn dak li nstemgha dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg taghha, ma kienx wiehed ta' kastig ghax deliberatament naqset mill-efficjenza taghha, imma giet imwaqqfa milli tkompli taqla' l-ghejxien taghha ghal ragunijiet amministrattivi li hi ma kellha ebda kontroll fuqhom. Dan kien kagunat mill-bidla fix-xoghol u l-generu gdid tal-prodott wara li l-Kumpanija bidlet l-idejn. Is-Sinjorina Gatt dahlet fl-impieg tal-Castellana Ltd. fuq xoghol ta' generu addattat ghaliha u mhux fuq ix-xoghol tqil u skabruz li kienet qed tisforza taghmel minn wara l-bidla. Infatti hija hadmet ghal snin fuq ix-xoghol li inizjalment dahlet biex taghmel mal-Castellana Ltd. b'sodisfazjon tal-Management. Ma kienx xoghol li kellu jigi mibdul minhabba l-ezigenzi tal-Kumpanija l-gdida. Li kieku kien dan ix-xoghol li sabet ma wiccha, u li ma kienx addattat ghaliha, Miss J. Gatt ma kienetx tinstab addattata mill-Management jekk mhux mill-bidu nett, zgur li matul il-probation period.

Fuq din ir-raguni legittima u bla ebda hsara ghaliha, is-Sinjorina Gatt kienet tigi licenzjata mill-Management skond il-ligi, tipprova ssib xoghol iehor gewwa fabbrika ohra fuq xoghol addattat ghaliha u ma kienetx issofri telf sostanzjali finanzjarju.

Huwa fatt ammessibbli mill-istess Management, illi s-Sinjorina Gatt ma setghetx taddatta ruhha u tlahhaq l-efficjenza mehtiega ghal din il-kwalita' ta' xoghol, ghalkemm il-Union tikkontendi li hija kienet qed tipprova li taghmel dan. Forsi l-Management ma kienx possibbli li jestendi aktar zmien ghax forsi kien konvint li s-Sinjorina Gatt qatt ma' tista' tilhaq il-livell ta' efficjenza mehtiega.

Is-Sinjorina Gatt intortament giet f'cirkostanzi ta' xoghol ambigwu ghaliha li ma kienx it-tort taghha li l-Management qed jiddikjaraha li ma hiex addattata ghalih.

L-appellant mhux talli twaqqfet milli taqla' l-ghejxien taghha izda wkoll ma giet moghtija ebda beneficcju ta' disimpieg ghaliex il-beneficcju jigi michud lill-persuni li jkunu gew imkeccija fuq dixxiplina, jew ghax ikunu hallew minn jeddhom l-impieg taghhom. Il-kaz li t-Tribunal ghandu quddiemu, kompliet tghid l-appellant, ma jaqax taht ebda wahda minn dawn il-kategoriji. Il-kaz kien purament wiehed kif ufficjalment muri fil-formula preskritta lill-Ufficcju tax-Xoghol mill-Management li jiddikjara "Abolition of Post" tax-xoghol li kellha qabel ma l-fabbrika biddlet il-generu tax-xoghol u l-makkinarju gdid, li, skond il-Management is-Sinjorina Gatt ma nstabetx addatta ghalih.

L-appellant gibdet l-attenzjoni tat-Tribunal rigward ir-raguni li tat il-Kumpanija fic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg; ghaliex spiccat mix-xoghol; "Redundant - Post obsolete due to factory's reorganisational change designed for new product - Redeployed to various other jobs and found to be inadaptable."

Minhabba din l-eventwalita' sfortunata, l-appellant tikkontendi illi ghandha tiddahhal lura ghax-xoghol u tigi meqjusa li baqghet fl-impieg minghajr ebda telf finanzjarju ta' dak kollu li kien dovut lejha.

<u>Ghall-Kumpanija</u> gie sottomess illi thoss illi rnexxielha tipprova b'success il-kaz taghha fis-sens :

1) Illi l-impieg tas- Sinjorina Gatt gie terminat ghaliex il-post gie "Redundant" minhabba r-riorganizzazzjoni tal-fabbrika li kkaguna bdil ghal prodott gdid;

2) Minkejja r-redundancy, il-Management ipprova jhaddem lis-Sinjorina Gatt f'postijiet ohra matul il-perijodu shih ta' madwar 18-il xahar, izda l-appellant ma setghetx taddatta ruhha ghal ebda post minn dawk li gew assenjati lilha. Per konsegwenza qatt ma lahqet il-livell ta' efficjenza u ghaldaqstant ma setghetx tinzamm aktar fl-impieg.

3) Fl-istatement of case tal-G.W.U. qalu illi lis-Sinjorina Gatt ma tawiex zmien biex taddatta ruhha ghax-xoghol il-gdid u anke illi jekk ma setghetx taddatta ruhha ghax-xoghol tal-prodott il-gdid, il-Management kien messu sabilha post addattat. Huwa car illi sottomissjonijiet mill-G.W.U. ma ghandhomx bazi legali, jew umanitarji jew fattwali.

4) Il-post li kellha s-Sinjorina Gatt sar redundant minhabba li l-Kumpanija kellha tbiddel il-prodott li kienet tipproduci ghaliex kieku ma ghamlitx dan kien ikollha taghlaq il-fabbrika, bir-rizultat li l-impjegati kollha kienu jitilfu posthom. Konsegwentament kien fl-interess tal-Kumpanija u tal-impjegati li l-Management jiddiversifika l-

produzzjoni biex jidhlu fi swieq illi setghu jikkompetu tajjeb.

5) Il-Kumpanija ppruvat issib post addattat ghall-appellant fil-"Production Line" tal-prodott il-gdid; u dan ghamlitu matul l-ahhar tmintax (18) il-xahar billi ppruvatha fi tlett postijiet differenti, izda ma sabuhiex addatta. Jekk impjegat ma jaddattax ruhu fuq post ta' xoghol fi zmien ragonevoli ta' tlett xhur u ma' jilhaqx il-"minimum efficiency" rikjest mill-Kumpanija u li l-impjegati l-ohra jilhqu, allura bla dubbju, dan l-impjegat ma jistax jigi kkunsidrat bhala addattat ghal post u l-impjegat ta' din ix-xorta jkollu effett negattiv fuq l-efficjenza, kompetizzjoni u l-viabilita' tal-Kumpanija.

10. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u> :

It-Tribunal ha konsiderazzjoni tax-xhieda u dak kollu li gie ppruvat, kif ukoll id-dokumenti li gew esebiti. Il-Kumpanija bbazat il-kaz tas-Sinjorina Gatt bhala wiehed ta' <u>Redundancy</u>, wara li ma setghetx issibilha post addattat ghaliha, meta l-Kumpanija biddlet il-produzzjoni taghha sabiex din tkun tista' tibqa' topera u ma zzarmax b'hekk evitat sitwazzjoni disastruza fejn fost affarijiet ohra, l-impjegati kollha kienu jitilfu l-impieg taghhom.

Il-Kumpanija qabel ma waslet ghad-decizjoni biex tittermina l-impieg ta' l-appellant, lahqu ghaddew 18 il-xahar li matulhom is-Sinjorina Gatt, jew imhabba ragunijiet fizici jew ohrajn, saret piz finanzjarju fuq il-Kumpanija.

/13. .....

Is-Sinjorina Gatt sabet ruhha f'din is-sitwazzjoni zvinturata minghajr htija; sa matul kwazi l-ewwel hames snin ta' l-impieg taghha, i.e. sakemm il-Kumpanija ma dibblitx il-produzzjoni u l-impjant, l-appellant kienet kunsidrata bhala impjegata tajba u ta' efficjenza. Izda wara saret "a square peg in a round hole" ghaliex minn dak iz-zmien l-hawn, l-appellant tista' tghid illi minbarra f'okkazzjonijiet izolati l-produzzjoni kienet baxxa ferm anke wara dak iz-zmien li wiehed kien jikkunsidrah bhala zmien li ghandu jigi kkunsidrat "Training Period". Per ezempju, bejn l-ewwel ta' Ottubru 1980 u 26 ta' Jannar 1981, meta l-appellant kienet tahdem fuq "Operation No. 28 Rivetti" minn 68 gurnata li hi hadmet hi lahqet livell ta' produzzjoni ta' 80% (jew ftit aktar) f'dsatax il-gurnata minnhom biss, fil-waqt li f'"Operation No. 23 - Chiusura Cintura" matul il-perijodu 27 ta' Jannar u 21 ta' April, minn 57 gurnata li hi hadmet l-oghla livell ta' efficjenza li rnexxielha tilhaq kien ta' 70% - 73%, u dan kien matul l-ahhar gimgha.

Hawn ta' min josserva illi l-importanza tal-produzzjoni giet enfasizzata fil-Collective Agreement li gie iffermat fit-8 ta' Lulju 1980 bejn il-Kumpanija u s-Sezzjoni tat-Textiles, Garments & Leather Workers tal-General Workers' Union. Dan il-Collective Agreement illi fih hemm stipulat li skala tal-"Bonus by Result of a Selection", jinkludi wkoll : "Every employee has to produce a certain number of garments for which NO BONUS will be given" illi skond ix-xhieda tal-Kumpanija, il-minimum efficiency/production kienet giet iffissata ghal 85%.

Wiehed jasal ghal biex jistabilixxi illi l-kaz tas-Sinjorina Gatt kien ta redundancy ittardjata ghaliex l-efficjenza ta' l-appellant spiccatilha hekk kif hi

/14. .....

spiccat minn fuq xoghol li ma baqax jigi pproducut izjed; minkejja l-isforzi tal-Management, il-Kumpanija baqghet ma sabitilhiex post addattat.

11. Award

Ghal dawn ir-ragunijiet u fatti, it-Tribunal ma jsibx li l-Kumpanija kellha alternattiva ohra ghal dik li hadet u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impieg bhala konsegwenza ta' "Redundancy" kienet gusta; bl-obbligu li l-Kumpanija thallas lis-Sinjorina Gatt £M300. Minn din is-somma jrid jitnaqqas l-ammont li s-Sinjorina Gatt irceviet u jew ghad trid tircievi mill-Kumpanija ghall-likwidazzjoni tal-"Leaving Gratuity" jekk din l-iskema kienet tinkludi "Redundancy".

It-Tribunal jordna wkoll illi, jekk fiz-zmien prevedibbli il-Kumpanija jkollha xi post vaganti addattat u mhux ta' natura ta' produzzjoni, dan il-post ghandu jigi offrut lis-Sinjorina Gatt.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

13 t'Ottubru 1981

en